

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1833

tat-2 ta' Ottubru 2020

li temenda l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku li jkun sar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) It-Taqsima I.1 tal-Anness I, it-Taqsima II.1 tal-Anness II u t-Taqsima III.1 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/68/KE jirreferu għal dispożizzjonijiet stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija u minn passaġġi fuq l-ilma interni kif definiti fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.
- (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawk il-ftehimiet internazzjonali jiġu aġġornati kull sentejn. L-aħħar verżjonijiet emendati tagħhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021, b'perjodu tranżizzjonali sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ⁽²⁾, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li f'każijiet ġustifikati, iżidu dokument wieħed jew iktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li t-Taqsima I.1 tal-Anness I, it-Taqsima II.1 tal-Anness II u t-Taqsima III.1 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/68/KE jiġu emendati skont dan.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2008/68/KE

Id-Direttiva 2008/68/KE hija emendata kif ġej:

1. fl-Anness I, it-Taqsima I.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"I.1 ADR

Fl-Annessi A u B tal-ADR, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, huwa miżmum li l-frażi 'parti kontraenti' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq.";

⁽¹⁾ ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

⁽²⁾ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

2. fl-Anness II, it-Taqsima II.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

“II.1 RID

Fl-Annessi tal-RID, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, huwa mifhum li l-frażi 'Stat Kontraenti tal-RID' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq.”;

3. fl-Anness III, it-Taqsima III.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

“III.1 ADN

Fir-Regolamenti annessi tal-ADN, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, kif ukoll l-Artikoli 3(f), 3(h), 8(1), 8(3) tal-ADN, huwa mifhum li l-frażi 'parti kontraenti' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq.”.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2021. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom referenza bħalha meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
